

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 21.12.2007
KUMM(2007) 860 finali

**KOMMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, LILL-
PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI
EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Inizjattiva tas-suq ewlieni għall-Ewropa

{SEG(2007) 1729}
{SEG(2007) 1730}

KOMMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Inizjattiva tas-suq ewlieni għall-Ewropa

1. INTRODUZZJONI

L-iżvilupp ta' ekonomija misjuqa mill-innovazzjoni hija kruċjali għall-kompetittività. L-istrateġija wiesgħa għall-innovazzjoni¹ enfazizzat il-ħtieġa li jintużaw b'mod konsistenti u strateġiku għodda u strumenti bħala appoġġ għall-innovazzjoni, bi strateġija misjuqa mid-domanda. Ir-rapport “Noħolqu Ewropa Innovattiva”², ir-rapport ta' Kompetittività ta' l-UE 2006 u l-konsultazzjonijiet tal-partijiet interessati qablu li l-Ewropa għandha tfittex li tiżviluppa swieq tajbin għall-innovazzjoni b'mod aktar immirat, li jiffaċilita b'mod deċiżiv il-kummerċ ta' l-innovazzjonijiet.

Il-Kunsill ta' Kompetittività³ stieden lill-Kummissjoni “*biex tippreżenta matul l-2007 inizjattiva fuq is-swieq ewlenin, imsejsa fuq konsultazzjoni wiesgħa tal-partijiet interessati għal definizzjoni ta' strateġija valida għat-trawwim ta' l-emerġenza fis-swieq b'valur għoli ekonomiku u dak li jappartjeni lis-soċjetà. Dan għandu jinkludi oqsma ta' identifikazzjoni fejn azzjoni miftiehma permezz ta' strumenti ta' linji politiċi ewlenin u kundizzjonijiet ta' qafas, it-fassil koerenti u koordinat ta' politika mill-awtoritajiet pubbliċi rilevanti, kif ukoll il-kooperazzjoni mtejba bejn il-partijiet interessati ewlenin jistgħu jħaffu l-iżvilupp tas-suq, mingħajr ma jkollhom x'jaqsmu mal-forzi kompetittivi.*”

Bi tweġiba, il-komunikazzjoni preżenti tnedi inizjattiva tas-suq ewlieni (ISE). Din tidentifika l-ewwel sensiela ta' swieq b'potenzjal biex isiru suq ewlieni (SE). Titlob azzjoni urġenti u koordinata permezz ta' pjanijiet ta' azzjoni ambizzjużi⁴ għal dawn is-swieq, biex jiksbu mingħajr dewmien vantaġġ li jidher għall-ekonomija u għall-konsumaturi Ewropej.

L-Anness II ‘Dokument ta’ Spjegazzjoni dwar l-Istrateġija Ewropea ta’ SE: Metodoloġija u Raġunament’⁵ jiddeskrivi l-proċess ta’ konsultazzjoni tal-partijiet interessati, in-natura ekonomika tas-SE u l-potenzjal ġenerali għall-benefiċċji ekonomiċi, soċjali u ta’ l-ambjent li jiġġustifikaw l-isforzi tal-linji politiċi meħtieġa għat-tnedija u l-implimentazzjoni ta' l-ISE.

2. L-ISE: MUFIEH GĦAL STRATEĠIJA TA' INNOVAZZJONI TA' SUĊĊESS GĦALL-EWROPA

2.1. Għanijiet u prinċipji ewlenin ta' l-ISE

Fil-metodoloġija tagħha, l-Istrateġija għas-Swieq Ewlenin hija differenti minn inizjattivi ta' l-UE ta' l-imgħoddi. Hija tmur lil hinn mill-użu tipiku ta' miżuri ta' darba b'effetti puntwali

¹ COM(2006) 502 finali tat-13.09.2006

² http://ec.europa.eu/invest-in-research/action/2006_ahogroup_en.htm

³ Il-konklużjonijiet tar-4 ta' Diċembru 2006 dwar il-politika ta' innovazzjoni u l-kompetittività.

⁴ Ara l-Anness I, SEC XXX. Dokumenti tematiċi ta' tħejija se jkunu disponibbli fuq l-Ewropa websajt tal-Kummissjoni.

⁵ SEC XXX.

biss. L-inizjattiva tal-GSM, per eżempju, kienet prinċipalment limitata għal strument wieħed, it-twaqqif ta' normi. L-ISE timmira wkoll li tidħol l-ewwel fis-swieq dinjija li dejjem qegħdin jikbru malajr b'vantaġġ kompetittiv. B'kuntrast ma' dan, eż l-inizjattiva Ewropea ta' l-1997 fuq il-kummerċ elettroniku⁶, għalkemm simili fl-ambitu, indirizzat suq li kien diġà ħa r-rankatura fl-Istati Uniti ta' l-Amerika.

Il-punt fokali fuq is-swieq jitlob strateġija tematika. Il-kategoriji differenti ta' prodotti u servizzi innovattivi jiffaċċjaw il-problemi speċifiċi tagħhom infushom u jitolbu tipi differenti ta' azzjoni ta' politika miftiehma.

L-ISE għalhekk l-ewwel tidentifika s-swieq emerġenti ta' potenzjal biex jiġu appoġġjati minn azzjoni ta' politika miftiehma bħal din imsejsa fuq analiżi profonda⁵, konsultazzjonijiet qawwija kif ukoll mekkaniżmi ta' komunikazzjoni ta' riżultati.

It-tieni, tfassal proċess li jissimplifika aħjar l-ambjenti legali u regolatorji u jaċċellera t-tkabbir tad-domanda.

Biex ikun ta' suċċess, il-proċess jeħtieġ li

- jinkorpora l-ħtiġijiet globali tas-suq u l-preferenzi tal-klijent għall-potenzjal massimu tas-suq;
- jiffaċilita l-aċċettazzjoni ta' l-istandards u l-istrateġiji ta' l-UE mis-swieq li mhumiex ta' l-UE, notevolment fl-oqsma effettwati mix-xejriet globali (eż. kwistjonijiet ambjentali);
- jimmira li jnaqqas l-ispiża ta' l-introduzzjoni ta' prodotti ġodda jew servizzi ġewwa s-suq, billi jiffaċilita l-aċċess tas-suq u l-miżuri biex titħaffef l-aggregazzjoni tad-domanda. Il-kompetizzjoni fost id-disinji ta' innovazzjoni differenti għandha tkun żgurata, biex b'hekk thegħeġ l-adattazzjoni kontinwa għall-ħtiġijiet emerġenti tas-swieq.

Fl-aħħar, is-sehem attiv ta' l-Istati Membri (SM) u s-settur privat⁷, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà, kif ukoll il-qafas legali eżistenti ta' l-UE, notevolment għall-kompetizzjoni, l-għajnuna mill-Istat⁸, u x-xiri pubbliku huwa essenzjali.

Billi l-inizjattiva m'hijiex bi ħsiebha toħloq swieq artifiċjalment permezz ta' standards jew ta' regolamenti jew permezz ta' finanzjament immirat lejn it-teknoloġiji individwali, ma teħtieġ l-ebda baġit addizzjonali Komunitarju. L-inizjattiva iżda jista' jkollha impatt fuq l-istabbiliment ta' prijorità għall-użu ta' għotjiet eżistenti.

2.2. Metodoloġija għall-identifikazzjoni tas-swieq

Imsejsa fuq dawn il-prinċipji, il-Kummissjoni impenjat ruħha għal konsultazzjonijiet intensivi tal-partijiet interessati, u b'hekk identifikat is-sensiela ta' kriterji li ġejja għas-SE

- **Strateġija mmexxija mid-domanda aktar milli mit-teknoloġija:** Il-medda ta' klijenti potenzjali u l-ħtiġijiet indirizzati mis-suq jindikaw li hemm potenzjal tas-suq qawwi kemm fl-Ewropa kif ukoll fuq livell globali f'perjodu ta' żmien pjuttost qasir.

⁶ COM(97) 157 tas-16.04.1997.

⁷ eż. permezz ta' l-ETPs.

⁸ Jekk l-Istati Membri jipprevedu miżuri ġodda ta' għajnuna ta' l-Istat, daww għandhom jimmiraw lejn falliment tas-suq definit b'mod ċar, għandu jkollhom effett ta' inċentiv, ikunu proporzjonati u jkollhom effett negattiv limitat fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ. L-għajnuna ma għandhiex tkopri l-ispejjeż li jlaħħqu mar-rekwiżiti obbligatorji fil-leġiżlazzjoni ta' l-UE.

- **It-taqsimha wiesgħa tas-suq:** It-taqsimha tas-suq hija x'aktarx wiesgħa meta mqabbla ma' l-iffukar fuq prodott wieħed waħdu. Impatt sinifikanti fuq is-swieq jista' jinkiseb biss jekk sensiela ta' prodotti u servizzi interkonnessi jiġu offruti simultanjament. Dan iwassal għal aktar valur miżjud fil-katina tal-prodott/tas-servizz u jikseb vantaġġ kompetittiv aktar sostenibbli matul is-snin lejn bażi industrijali aktar wiesgħa fl-Ewropa.
- **Interess soċjetali u ekonomiku strateġiku:** It-taqsimha tas-suq tipprovdi qligħ ekonomiku u soċjetali strateġiku aktar wiesgħa, bħas-saħħa pubblika, il-ħarsien ambjentali u tal-klima, is-sigurtà u l-impjeg. L-ispiża tal' l-isforzi tal-koordinazzjoni pubblika f'ISE speċifika hija ġġustifikata jekk tiġi kkompensata bi qligħ bħal dan.
- **Il-valur miżjud ta' strumenti ta' politika prospettivi, miftiehma u mmirati iżda flessibbli:** Fis-swieq identifikati, m'hemm l-ebda miżura ta' politika li tista' tneħħi l-ostakoli li joħonqu l-emerġenza tad-domanda qawwija⁹. L-ostakoli identifikati huma tali li kombinazzjoni ta' miżuri pubbliċi u ta' inċentivi differenti biss tista' tagħmel differenza. Waqt li l-mira tal-miżuri tal-linji politiċi hija ddefenita biċ-ċar, il-mod ta' implimentazzjoni jrid iħalli skop għa reazzjoni bi flessibilità għall-iżviluppi teknoloġiċi jew kummerċjali.
- **L-ebda "għażla tar-rebbieħa":** Teknoloġiji ġodda jew ideat għal użu ġdid ta' teknoloġiji eżistenti industrijali b'potenzjal u maturi biżżejjed huma disponibbli fl-Ewropa, li fuqhom il-prodott jew is-sensiela ta' servizzi għas-suq emerġenti jistgħu jibnu. Il-karatteristiċi tas-swieq jevitaw ir-riskju *de facto* li jiffavorixxi kumpaniji speċifiċi, biex jiżguraw kompetizzjoni ġusta u miftuħa u biex tiġi evitata l-impożizzjoni ta' l-għażla teknoloġika li tista' tantiċipa l-iżvilupp tal-kompetizzjoni u ta' għażliet eventwalment aktar vantaġġużi mil-lat ekonomiku.

Dawn il-prinċipji ġew ikkumplemenatati permezz ta' evalwazzjoni tal-fattibilità tat-tnedija ta' l-ISE f'dawn is-swieq f'dak li għandu x'jaqsam mad-disponibilità ta' tagħrif u l-ħidma li għaddejja fil-Kummissjoni.

2.3. Liema swieq għall-ISE

L-identifikazzjoni tal-kriterji deskritti hawn fuq ibbenefikat, b'mod partikolari, mill-kopertura industrijali u tematika wiesgħa ħafna ta' aktar minn 30 Pjattaforma Teknoloġika Ewropea (PTE)¹⁰¹¹ immexxija mill-industrija u ta' 8 Panels INNOVA¹².

Il-konsultazzjonijiet tal-partijiet interessati f'diskussjoni inizjali ta' pre-identifikazzjoni kienu tabilħaqq wiesgħa ħafna u kienu jkopru kemm il-metodoloġija kif ukoll l-għażla ta' l-oqsma. Imsejsa fuq dawn, il-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' l-4-12-2006⁴ il-Pjattaformi Teknoloġiċi Ewropej u l-Panels INNOVA ta' l-Ewropa kienu speċifikament mistiedna f'diskussjoni oħra ta' segwitu biex jevalwaw bosta swieq¹³, permezz ta' workshops, gruppi esperti u kwestjonarji skond il-kriterji miftiehma.

⁹ F'każ bħal dan ma jkun hemm l-ebda hteġa li tiġi applikata l-ISE lil dak is-suq.

¹⁰ Ara l-lista fuq http://cordis.europa.eu/technology-platforms/individual_en.html

¹¹ PTE – Seminar tal-Mexxejja Industrijali: fuq 6 XII (http://cordis.europa.eu/technology-platforms/seminar7_en.html)

¹² L-ajruspazju, l-industrija tal-vetturi, il-bijoteknoloġija, l-ICT, it-tessuti, l-enerġija, l-eko-innovazzjoni, u "gazelles" (Intrapriżi Żgħira u ta' Daqs Medju bi Tkabbir Għoli) <http://www.europe-innova.org/index.jsp>

¹³ Hekk kif suġġeriti mill-Kummissjoni f'COM(2006) 502 u mill-Kunsill fil-konklużjonijiet ta' l-4/12/2006.

Saru diversi konsultazzjonijiet ma' setturi industrijali varji biex japprofondixxu l-analiżi ta' l-oqsma l-aktar promettenti.

Fuq din il-bażi, ġew identifikati sitt swieq għall-istadju inizjali ta' l-inizjattiva – **is-Saħħa onlajn (eHealth), it-tessuti ta' ħarsien, il-kostruzzjoni sostenibbli, ir-reċiklaġġ, il-bijoprodotti, u l-enerġiji rinnovabbli**. Dawn huma innovattivi ħafna, jirrispondu għall-ħtiġijiet tal-klijenti, għandhom bażi teknoloġika u industrijali soda fl-Ewropa u jiddependu aktar minn swieq oħra fuq il-ħolqien ta' kundizzjonijiet favorevoli ta' qafas permezz ta' azzjonijiet ta' politika pubblika.

- **I-eHealth tista' tgħin biex twassal kura aħjar b'inqas spejjeż** fi ħdan sistemi li jwasslu s-saħħa ċċentratu fuq iċ-ċittadin. Mingħajr riformi sinifikattivi, inklużi l-aħjar użu ta' l-eHealth, in-nefqa għas-saħħa hija mistennija tiżdied minn 9 % kif tinsab attwalment għal madwar 16 % sa l-2020 minħabba f'Ewropa b'popolazzjoni li qed 'tixjieħ'. Saru investimenti fir-Riċerka u l-Iżvilupp f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-eHealth. Madankollu, l-investimenti ta' l-ICT f'dan il-qasam baqgħu lura, wara dawk ta' setturi oħra ta' servizzi. L-adozzjoni ta' soluzzjonijiet tekniċi u organizzazzjonali hija ta' spiss imxekkla minn frammentazzjoni qawwija tas-suq, eż minħabba fis-sistemi differenti tas-sigurtà soċjali u nuqqas ta' interoperabilità. Din ma tippermettix l-ekonomiji ta' skala. Dan imur għall-aġar minħabba nuqqas ta' ċertezza legali f'dak li għandu x'jaqsam ma' ħlas lura, u nuqqas ta' għarfien dwar l-applikazzjoni korretta tad-dispożizzjonijiet legali għall-ħarsien ta' *data* personali. Dan ifixkel kemm l-adozzjoni tal-prodotti kif ukoll l-investizzjonijiet kummerċjali.
- Is-suq tal-**kostruzzjoni** huwa responsabbli għal 10 % tal-PGD u għal 7 % tal-forza tax-xogħol. **Il-bini jirrappreżenta l-akbar parti mill-konsum totali ta' enerġija finali ta' l-UE** (42 %) u jipproduċi madwar 35 % ta' l-emmissjonijiet b'effett serra. Is-suq tal-bini tant mifrux ta' kostruzzjoni sostenibbli jnvolvi tħassib għall-ambjent (eż. applikazzjonijiet elettriċi u stallazzjonijiet effiċjenti għat-tiħin), aspetti ta' saħħa għall-utenti (eż. il-kwalità ta' l-ajra ta' ġewwa) u kwistjonijiet ta' konvenjenza (eż. relatati ma' l-indipendenza ta' persuna anzjani). Huwa jiġbor soluzzjonijiet sostenibbli ta' żvilupp għal bini residenzjali u mhux residenzjali kif ukoll f'dak li għandu x'jaqsam ma' assi ta' infrastruttura. Il-koordinazzjoni mhux suffiċjenti tar-regolamentazzjoni, mhux biss flivell ta' l-UE iżda aktar speċifiku flivell nazzjonali fil-qasam tal-kostruzzjoni, flimkien ma' l-istruttura lokali predominanti tal-kummerċ, qed iwasslu għal piż amministrattiv konsiderevoli u għal frammentazzjoni għolja tas-suq ta' kostruzzjoni sostenibbli. Hemm nuqqas ta' għarfien dwar il-possibilitajiet fi ħdan il-qafas legali eżistenti għax-xiri pubbliku (XP) li għandu mnejn jiffaċilita d-domanda għas-soluzzjonijiet orjentati lejn l-innovazzjoni. Teħtieġ ukoll strateġija antiċipattiva għal regolamentazzjoni kif ukoll għal deċizzjonijiet ta' XP.
- **It-tessuti ta' ħarsien**¹⁴ jinkludu ħwejjeġ u sistemi magħmula mit-tessuti li l-funzjoni ewlenija tagħhom hija li jipproteġu l-utenti minn riskji u perikoli fil-kundizzjonijiet li jaħdmu fihom. Id-daqs attwali tas-suq tat-TPP¹⁴ fl-UE huwa stmat madwar id-€ 9.5-10 biljun, b'madwar 200 000 impjeg relatat direttament jew indirettament ma' prodotti u servizzi tat-TPP. It-ktabbir rapidu mbassar f'ċerti partijiet tad-dinja jissuġġerixxi li l-esportazzjonijiet ta' l-UE tat-TPP jista' jikber b'madwar 50 % fis-snin li ġejjin. L-iżvilupp u l-użu aktar rapidu ta' l-istandards Ewropej fis-suq globali, flimkien ma' miżuri xierqa għall-ħarsien tal-proprietà intellettwali, eż permezz ta' servizzi ta' sostenn għall-Intrapriżi

¹⁴ Tessuti tekniċi għal ħwejjeġ u tagħmir intelliġenti personali protettiv (TPP).

Żgħar u ta' Daqs Medju, għandhom joħolqu domanda addizzjonali għal TPP. Ix-xiri pubbliku għandu rwol importanti x'jaqdi fir-rigward ta' tessuti ta' ħarsien, iżda teżisti l-frammentazzjoni tad-domanda fil-livell ta' l-awtoritajiet lokali.

- **Il-bijoprodotti** huma magħmulin minn materja prima bijoloġika rinnovabbli bħall-pjanti u s-siġar. Il-qasam tas-suq magħżul għall-ISE speċifika jinkludi bijoprodotti ġodda mhux ta' l-ikel kif ukoll materjali bħall-bijoplastik, bijolubrikanti, surfactants, enzimi u farmaċewtiċi. Jeskludi l-prodotti tradizzjonali tal-karta u ta' l-injam, iżda wkoll il-bijomassa bħala sors ta' enerġija. Il-potenzjal tat-tkabbir fit-tul għall-bijoprodotti se jiddependi mill-kapaċità tagħhom li jissostitwixxu prodotti msejsa fuq il-fossili u li jissodisfaw bosta ħtiġijiet b'użu aħħari bi spiża kompetittiva, biex joħolqu ċikli ta' prodoti li huma newtrali f'dak li għandu x'jaqsam ma' gass b'effett serra (GES) u biex iħallu marka ekoloġika iżgħar, eż il-ġenerazzjoni ta' inqas skart, l-użu ta' inqas enerġija u ilma. L-Ewropa tikklassifika tajjeb fis-swieq tal-bijoprodotti innovattivi, bis-saħħa tal-pożizzjoni ewlenija li qed tibni fl-oqsma teknoloġiċi u industrijali. Madankollu, ċerta inċertezza dwar il-proprietajiet tal-prodotti u t-trasparenza dgħajfa tas-suq qed ikunu ta' xkiel għall-adozzjoni rapida tal-prodotti. Ir-regolamenti ta' l-ambjent, l-istandardazzjoni, it-tikkettar, u l-inkoraġġiment lill-Istati Membri biex jistabbilixxu pjanti ta' demostrazzjoni għandhom rwol x'jaqdu, kif għandha wkoll il-Politika Agrikola Komuni.
- **Ir-reċiklaġġ** inaqas mir-rimi ta' l-iskart, mill-konsum tar-riżorsi naturali u jtejjeb l-effiċjenza ta' l-enerġija. Għalhekk dan għandu rwol essenzjali fil-mixja lejn il-konsum u l-produzzjoni sostenibbli - mhux biss f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-enerġija iżda wkoll fir-riżorsi *kollha* li niproduċu. Is-settur tar-reċiklaġġ għandu dħul ta' € 24 biljun u jimpjega madwar 500 000 persuna. Huwa magħmul minn aktar minn 60, 000 kumpanija. L-UE għandha madwar 30 % tas-sehem dinji ta' eko-industriji u 50 % mill-industriji ta' l-iskart u tar-reċiklaġġ. Minkejja l-potenzjal sinifikanti tas-suq, l-ostakoli fl-iżvilupp tas-suq għadhom jeżistu. Hemm potenzjal sinifikanti wkoll fit-titjib ta' **l-effiċjenza u l-kapaċità, permezz ta' l-inkoraġġiment ta' l-innovazzjoni u l-introduzzjoni ta' proċessi u teknoloġiji aktar effettivi**. Dan għandu jiffranka l-ispejjeż, l-enerġija u r-riżorsi naturali u jgħin lill-Ewropa biex tkun inqas dipendenti fuq il-prezzijiet tal-materja prima.
- **L-enerġija li tiġġedded (ET)** tirreferi għall-enerġija li tista' tiġi minn sorsi ta' enerġija reġenerattiva bħar-riħ, solari, bijomassa, skart jew għalf bijodegradabbli, ġeotermali, mewġ, tifriġħ tal-baħar, qawwa mill-ilma. Bħalissa, is-settur Ewropew ta' l-ET għandu dħul ta' € 20 biljun fis-sena u jipprovdi impjiegi għal madwar 300 000¹⁵ ruħ filwaqt li jilħaq ma' madwar 8.5 % tal-ħtiġijiet ta' enerġija fl-Ewropa¹⁵. Il-Kunsill Ewropew f'Marzu 2007 stabbilixxa mira li torbot li sa l-2020 ikun hemm sehem ta' 20 % tal-konsum ta' l-enerġija ta' l-UE għall-ET. Din il-mira toffri lill-produtturi opportunità kbira għall-iżvilupp filwaqt li tnaqqas l-ispejjeż tal-produzzjoni. L-iżvilupp ta' riżorsi li jiġġeddu huwa mfixxkel minħabba fi tliet fatturi. L-ewwelnett, l-ispejjeż esterni ta' l-użu ta' l-enerġija¹⁶ mhumieq riflessi b'mod sħiħ fil-prezzijiet ta' l-enerġija. Għalhekk, id-domanda għall-ET, li ġeneralment għandha spejjeż esterni baxxi, mhijiex daqstant għolja. It-tieni, l-effetti importanti tal-kurva tat-tagħlim li għandhom ibaxxu l-prezzijiet f'diversi teknoloġiji huma sfruttati iktar bil-mod minħabba fil-livelli baxxi attwali tad-domanda. Fl-aħħar, il-frammentazzjoni tas-sistemi ta' appoġġ ta' l-ET u l-eżistenza ta' l-ostakoli

¹⁵ Il-Kunsill Ewropew għall-Enerġija li Tiġġedded.

¹⁶ Eż. l-emissjonijiet ta' gass b'effett serra (GES), it-tniġġiż ta' l-arja, is-sigurtà tal-provvista.

L-Anness 2 jagħti analiżi aktar dettaljata ta' dawn is-sitt swieq u ta' l-impatt ta' l-ISE. Stimu tentattivi msejsa fuq assunzjonijiet prudenti ħafna juru li appoġġjat mill-istrateġija ffukata ta' l-ISE, il-volum ta-suq ikkombinat tas-sitt swieq jista' jizjed b'aktar mid-doppju sa l-2020 u jistgħu jinħolqu madwar miljun impjeg ġdid.

L-identifikazzjoni tas-swieq għall-ewwel rawnd ta' diskussjoni ma tiskwalifikax oqsma oħra tas-suq bħala kandidati futuri potenzjali, u lanqas ma tirrappreżenta xi stqarrija politika rigward l-importanza ta' tagħhom komparattiva li tappartjeni lis-soċjetà jew dik ekonomika.

Xi wħud mill-indikazzjonijiet konvinċenti diġà qed jidheru l-attenzjoni lejha oqsma li jistgħu jittqiesu għall-istrateġija simili fil-gejġeni. Il-konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati¹⁷ u l-għodda ta' intelliġenza tas-suq għandhom jappoġġjaw il-proċess kontinwu ta' identifikazzjoni billi jstabbilixxu mekkaniżmi ta' monitoraġġ u ta' previżjoni, filwaqt li jibnu fuq għodda eżistenti dijanjostiċi u analitiċi, bħall-ERA-Watch u l-Gwardja ta' l-Innovazzjoni fis-Settur¹⁸. Din l-istrateġija tas-SE tista' tinġabar f'inizjattivi aktar wiesgħa li qed jittnedu bħalissa¹⁹ u li għandhom itejbu l-benefiċċji għall-Ewropej mill-iżvilupp ta' swieq intensivi bl-innovazzjoni.

3. L-ISTRUMENTI EWLENIN TA' POLITIKA

Il-pjanijiet ta' azzjoni tematiċi speċifiċi biex iħaffu l-emerġenza tas-SE f'dawn l-oqsma huma miġbura fil-qosor fl-Anness 1. L-ISE għandha tħaddem sensiela diversifikata ta' strumenti ta' politika.

• Leġiżlazzjoni

Il-leġiżlazzjoni, żviluppata biex taqdi l-għanijiet ta' politika, teħtieġ ukoll li tkun imfassla biex trawwem l-innovazzjoni u tevita li titfa' piżijiet fuq negozji innovattivi u organizzazzjonijiet oħrajn. Teżisti opportunità biex ittejjeb il-koordinazzjoni tar-regolamenti tul oqsma ta' politika differenti li jeffettwaw is-swieq għal prodotti u servizzi innovattivi. Ambjenti leġiżlattivi u ġurisdizzjonali affidabbli, bla regoli żejda, u mfassla tajjeb huma essenzjali għan-negozju biex jinvestu u għall-konsumaturi biex jilqgħu prodotti u servizzi ġodda.

Il-miżuri regolatorji fil-pjanijiet ta' azzjoni ta' l-ISE jinkludu proposti għal leġiżlazzjoni ġdida kif ukoll modifiki, reviżjonijiet jew projbizzjonijiet. Per eżempju, l-użu ta' bijoprodoti u d-difużjoni ta' teknoloġiji ġodda fil-produzzjoni ta' bijoprodoti tista' tkun appoġġjata permezz tas-simplifikazzjoni ta' azzjonijiet leġiżlattivi eżistenti fl-IPPC²⁰ (*Integrated Pollution Prevention Control* – Il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrati tat-Tniġġiż). Aktivitajiet simili huma proposti għal pjan ta' azzjoni ta' l-ISE ta' Reċiklaġġ, li jiffoka fuq l-għoti ta' miżuri ta' sostenn f'sinerġija ma' regolamenti speċifiċi ta' l-UE, b'mod partikolari d-direttivi WEEE²¹ (*Electrical and Electronic Waste* – Skart Elettriku u Elettroniku) u ELV²² (*End-of-life vehicles* – Skart ta' vetturi li spiċċaw jaħdmu).

• Ix-Xiri Pubbliku (XP)

¹⁷ Bħall-ETPs u l-panels INNOVA Europa.

¹⁸ <https://www.europe-innova.org>.

¹⁹ Eż. il-Pjan ta' Azzjoni għal "L-anzjanità Għanja fis-Soċjetà ta' l-Infurmazzjoni" (COM(2007) 332 finali).

²⁰ Id-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE li tikkonċerna l-IPPC, ĠU L 257, p. 26-40.

²¹ Id-Direttiva 2002/96/KE dwar WEEE, ĠU L 37, p. 24.

²² Id-Direttiva 2000/53/KE dwar ELV, ĠU L 269, p. 34.

In-nefqa tax-XP tirrappreżenta 16 % tal-PGD ta' l-UE, iżda tilħaq l-40 % tan-nefqa fuq il-konstruzzjoni u kważi l-100 % fuq id-difiża, is-sigurtà ċivili u l-operazzjonijiet ta' emerġenza. Il-mobilizzazzjoni ta' l-awtoritajiet pubbliċi biex jaġixxu bħala 'klijenti ta' tnedija' permezz tal-promozzjoni ta' l-użu ta' Prattika ta' XP li hija ta' appoġġ għall-innovazzjoni hija għalhekk punt frekwenti fil-pjanijiet ta' azzjoni.

L-applikazzjoni tal-qafas legali eżistenti ta' l-UE²³ għax-XP tappoġġja l-ISE billi tindirizza l-frammentazzjoni tas-suq u tinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet kompetittivi. Gwida li ġiet pubblikata dan l-aħħar mill-Kummissjoni²⁴ tiddekrivi kif l-innovazzjoni tista' titrawwem permezz ta' l-użu tax-XP. Dawn is-soluzzjonijiet ikunu jeħtieġu bidliet fil-proċessi amministrattivi tipikament użati fl-uffiċċji nazzjonali, reġjonali u lokali tax-XP għat-tnejjija ta' sejħiet għall-offerti (eż. f'dak li għandu x'jaqsam ma' prassi ġdida għall-kisba ta' tagħrif dwar soluzzjonijiet tekniċi eżistenti u possibilment ġodda u dwar servizzi u prodotti ġodda, jew għal aktar tagħlim dwar l-għażla li jiġu identifikati u ppremjati l-kwotazzjonijiet ta' "l-offerta l-aktar vantaġġjuża ekonomikament [OAVE] fuq il-bażi ta' evalwazzjoni ta' l-ispiża taċ-ċiklu tal-ħajja). L-istess japplika għal modi biex titħaffef il-kisba ta' massa kritika li tgħin l-iżvilupp ta' SE. Ir-rekwiżiti ta' l-interoperabilità u s-sostituzzjoni ta' xiri individwali fuq skala żgħira permezz ta' ordnijiet fi gruppi jistgħu jkunu siewja. Żieda fl-isforzi ta' taħriġ u t-tkabbir ta' l-għarfien immirati lejn l-uffiċjali tax-XP, kif ukoll in-netwerking fost l-uffiċċji tax-XP, huma miżuri interdixxiplinarji li jistgħu jipproduċu benefiċċji għas-SE kollha.

• **Standardizzazzjoni, ittikkettjar u ċertifikar**

L-istandards jistgħu iħaffu l-iżvilupp tas-SE, sakemm dawn ma jeskludux it-teknoloġiji ta' kompetizzjoni, ma jillimitawx il-kompetizzjoni bla mistħoqq jew ma jfixklux id-domanda emerġenti. Aktar rendiment konsistenti tekniċi, u standards ta' prodotti ma ġenb il-katina kollha ta' produzzjoni, minn materja prima sal-prodotti finali, jistgħu jagħmlu l-istandardizzazzjoni waħda li aktar tiffavorixxi l-innovazzjoni. L-istandards għandhom preferibbilment ikunu msejsa fuq ir-rendiment, iżda wkoll teknoloġikament newtrali.

Fis-sitt swieq, il-proċess ta' standardizzazzjoni attwali huwa fframmentat. Dan jirriżulta fi standards kompetituri li ma jippermettux soluzzjonijiet interoperabbli. In-nuqqas ta' interoperabilità jirrendi l-inkorporazzjoni ta' l-għarfien u ta' komponenti varji fi prodotti u servizzi ġodda u komplessi bħala waħda kumplikata. Standards kompetituri li mhumiex interoperabbli jfixklu s-soluzzjonijiet innovattivi matul il-katina ta' valur. Fil-kuntest ta' l-ISE, l-għażliet bejn standards bħal dawn għandhom għalhekk isiru b'mod inklussiv u preferibbilment f'livell ta' l-UE, filwaqt li jevitaw li jeskludu t-teknoloġiji kompetituri²⁵. Pjattaformi ta' standardizzazzjoni Pan-Ewropej, bħan-netwerks ta' standardizzazzjoni Europe INNOVA, jistgħu jgħinu biex jidentifikaw standards aktar xierqa għal problema speċifika msejsa fuq qbil industrijali wiesa'. Il-komunikazzjoni dwar l-istandards għandha tittejjeb biex tagħti spinta lid-domanda tax-xerrejja u ta' l-utenti infurmati u biex ikun żgurat li l-istandards qed jitqiesu fil-proġetti ta' riċerka.

Jistgħu jiġu żviluppatti strateġiji ġodda ta' ċertifikar minnhom infushom, billi jibnu fuq l-esperjenzi fl-industrija. Tikketti bħal 'magħmul mill-ġdid fl-Ewropa' (reċiklaġġ), l-'Eko-tikketta ta' l-UE'²⁶ u possibilment 'tikketta ta' bijoprodott ta' l-UE' ġdida x'aktarx li jattiraw

²³ Id-Direttiva 2004/17/KE u 2004/18/KE.

²⁴ http://www.proinno-europe.eu/doc/procurement_manuscript.pdf

²⁵ Il-proċedura għall-għażla ta' standards għandha tiddependi fuq in-natura ta' l-istandard, formali jew informali, u għandha tkun flessibbli biżżejjed biex maż-żmien tadatta u tiddel il-kundizzjonijiet tas-suq.

konsumaturi ġodda. Rekwiżiti xierqa ta' ittikkettjar jistgħu jgħinu fit-tnaqqis ta' riskji għal konsumaturi pijunieri. It-tagħrif dwar ir-rendiment lil hinn mir-rekwiżiti legali minimi jista' jagħti spinta lid-deċiżjonijiet ta' xiri ta' klijenti potenzjali. Eż., id-Direttiva dwar l-Eko-disinn ta' Prodotti li jużaw l-Enerġija (2005/32/KE) tippovdi l-istrumenti għall-iżvilupp ta' trasformazzjoni effettiva u dinamika tas-suq. It-tagħrif jista' jmexxi lis-suq permezz ta' rekwiżiti minimi billi jiġu pprojbiti l-prodotti li jmorru l-agħar, filwaqt li l-livelli - li għandhom ikunu identifikati fil-miżuri ta' implimentazzjoni tad-Direttiva li tindirizza prodotti partikolari (l-Anness I.3.2) - jistgħu jipprovdu t-tbassir u d-dinamiżmu għall-industrija. Flimkien ma' dan, tikketti obbligatorji ta' rendiment li jintwerew waqt il-bejgħ jippermettu l-konsumaturi jagħmlu għażliet imsejsa fuq l-informazzjoni. It-tikketti bl-istilla ta' l-enerġija u dawk ekoloġiċi għandhom jippremjaw biss il-prodotti li jmorru l-aħjar mill-perspettiva ta' l-ambjent.

Standards dinamiċi u skemi (tat-tip Top-runner)⁵ jistgħu jiġu żviluppatti²⁶. Il-komunikazzjoni mistennija dwar l-Istandardizzazzjoni u l-Innovazzjoni tagħti attenzjoni partikolari lill-impatt ta' l-istandardizzazzjoni fuq is-SE, kif ukoll lill-pjan ta' ħidma taħt id-Direttiva ta' l-Eko-disinn²⁷.

• Strumenti Komplimentarji

Attivitajiet oħra jistgħu jaċċelleraw u jtejbju l-fluss interattiv tat-tagħrif bejn il-fornituri u l-utenti, u b'hekk jikkontribwixxu għat-titjib fit-trasparenza tas-suq. Dan għandu jwassal ukoll għal vantaġġ kompetittiv għall-intrapriżi billi joħloq kundizzjonijiet aħjar li jirrispondu għall-isfidi multi-dixxiplinarji fis-swieq identifikati. Dan jista' jeħtieġ pjattaformi²⁸ kif ukoll appoġġ finanzjarju xieraq, notevolment fiż-żewġ każijiet ta' hawn taħt:

– *Servizzi ta' appoġġ għan-negozji u l-innovazzjoni, it-taħriġ u l-komunikazzjoni*

F'xi wħud mis-setturi tas-suq, l-intrapriżi żgħar innovattivi jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-appoġġ bħall-attivitajiet li jħaffu t-trasferiment tat-tagħrif, l-inkubazzjoni u l-aċċess għall-finanzi permezz ta' servizzi ta' konsultazzjoni jew taħriġ. Flimkien mal-forniment ta' servizzi tematikament immirati bħal dawn permezz ta' l-appoġġ tal-Fondi Strutturali jew in-netwerk il-għdida integrata ta' appoġġ għall-intrapriżi u l-innovazzjoni tas-CIP, użu aktar koordinat ta' proġetti ta' netwerking u pjattaformi²⁹ għat-tagħlim u l-qsim ta' għarfien reċiproku jista' jappoġġja l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni. Il-kooperazzjoni fi u bejn il-gruppi reġjonali msejsa fuq l-għarfien madwar l-Ewropa jistgħu jħaffu l-fluss ta' ideat u ta' l-għarfien. Il-potenzjal tal-Politika ta' Koeżjoni li tikkontribwixxi għall-investimenti diretti kif ukoll għan-netwerking għandu jiġi sfruttat mill-Istati Membri u mir-reġjuni f'bosta żoni ta'

²⁶ Il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Konsum u l-Produzzjoni Sostenibbli li jmiss, ir-reviżjoni tal-qafas fl-2010 tal-Prodotti li jużaw l-Enerġija, u r-reviżjonijiet tat-tikketti ekoloġiċi għandhom jagħtu ċans li jpoġġu dawn l-istrateġiji dinamiċi fil-prattika. Cf. http://ec.europa.eu/enterprise/environment/sip_en.htm

²⁷ l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2005/32/KE

²⁸ Notevolment pjattaformi elettroniki ta' skambji ta' tagħrif li jassoċjaw lill-imsieħba pubbliċi u privati, flivell trans-settorjali u b'dimensjoni Ewropea.

²⁹ Eż. li jsewgu l-format ta' l-Azzjonijiet-PRO INNO jew li jibnu fuq in-netwerks settorjali ta' Europe INNOVA.

SE³⁰. Dan jista' jikkontribwixxi biex iżomm il-momentum politiku u l-impenn tal-partijiet interessati u biex iwessa' l-firxa tal-partijiet interessati involuti fis-SE³¹.

– *Appoġġ u inċentivi finanzjarji*

L-emerġenza ta' opportunitajiet ta' negozji ġodda sinifikattivi ħafna fl-oqsma koperti mill-ISE għandha x'aktarx trawwem l-investment privat. Hawnhekk, l-azzjoni pubblika tista' tkun sturmentali biex tħaffef l-aċċess għall-finanzjament.

Il-pjanijiet t'azzjoni jistgħu jmxexxu l-proposti fi ħdan il-programmi nazzjonali u ta' l-UE³². F'livell ta' l-UE³³ jew ta' l-Istat Membru, il-fondi pubbliċi għar-Riċerka u l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni jistgħu jintużaw biex jgħinu fit-titjib tal-fattibilità ta' ċerti ċikli ta' prodotti.

Il-Bank Ewropew ta' l-Investment (BEI) u l-Fond Ewropew għall-Investment (FEI) jamministraw l-ammonti sostanzjali ta' l-appoġġ finanzjarji ta' l-UE bħall-faċilità tal-qsim ta' riskju u l-Faċilità CIP ta' Tkabbir Għoli u Innovattiv għall-Intrapriżi Żgħar u ta' daqs Medju. Il-fondi tal-BEI, flimkien mal-fondi privati u possibilmment il-fondi strutturali jistgħu jagħtu appoġġ lid-'demonstrazzjoni' u l-mixja 'l fuq fil-produzzjoni ta' prodotti u servizzi innovattivi. Flimkien ma' dan, JEREMIE, inizjattiva konġunta stabbilita mill-Kummissjoni ma' l-FEI u l-BEI tista' tipprovdi l-aċċess għall-finanzjament għall-Intrapriżi Żgħar u ta' daqs Medju, bħal mikro-kreditu, il-kapital spekulattiv, is-self u l-garanziji. Jistgħu jitqiesu mudelli ġodda ta' msieħba pubbliċi-privati, li fihom l-investituri u partijiet interessati oħra jkun jistgħu jipparteċipaw. Dan jista' jinkoraġġixxi lill-investituri privati biex jappoġġjaw proġetti ġodda relatati ma' l-ISE.

L-orjentazzjoni mill-ġdid ta' skemi ta' għajnuna Nazzjonali jew Reġjonali ta' l-Istat tista' tintuża mill-Istati Membri biex jisfruttaw il-possibilitajiet il-ġodda għall-appoġġ għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni taħt il-qafas il-ġdid Komunitarju ta' l-għajnuna ta' l-Istat³⁴ f'dan il-qasam. L-orjentazzjoni mill-ġdid ta' l-appoġġ tal-fond strutturali għar-reġjuni hija ta' importanza partikolari. L-Istati Membri kollha "warrbu" parti mill-proporzjon tar-riżorsi tagħhom tal-politika ta' koeżjoni għall-aġenda mġedda tat-tkabbir u l-impjiegi. Il-bidla ewlenija fl-investimenti ta' politika ta' koeżjoni **tikkonċerna r-Riċerka u l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni**. Madwar **€ 83 biljun jew 25 % tal-baġit ġenerali ta' koeżjoni** se jiġi allokat għal dan it-tip ta' investment. Huwa ċar li l-identifikazzjoni tas-SE tikkostitwixxi għodda ta' orjentazzjoni utli għall-investment privat u pubbliku marbut ma' l-użu ta' dawn il-fondi.

4. IL-GOVERNANZA U L-PASSI LI JMISS

Il-ħtieġa għal koordinazzjoni stretta fost l-għadd konsiderevoli ta' diversi azzjonijiet f'perjodu ta' żmien qasir jirrendi l-pjanijiet ta' azzjoni³⁵ partikolarment ambizzjużi. Is-suċċess għandu jiddependi mill-impenn ta' l-Istituzzjonijiet Ewropej u ta' l-Istati Membri li jikkooperaw mill-

³⁰ L-inizjattiva tal-Kummissjoni "Reġjuni għal Bidla Ekonomika" hija wkoll ta' rilevanza għal dawn is-SE.

³¹ Eż. is-settur ta' l-assigurazzjoni jista' jkun involut fil-ħarsien tal-klima jew fl-azzjonijiet relatati mas-sigurtà.

³² Għall-FP7, dan ma' għandux ibiddel jew jissostitwixxi l-proċedura normali għar-reviżjoni tal-programm ta' ħidma.

³³ Notevolment l-FP7 u s-CIP.

³⁴ ĠU C 323 p.1 sqq, notevolement possibilitajiet ġodda għall-appoġġ ta' l-innovazzjoni, http://ec.europa.eu/invest-in-research/policy/state_aid_en.htm.

³⁵ Il-miżuri individwali li jinsabu f'dawn il-pjanijiet t'azzjoni se jiġu evalwati skond ir-regoli rilevanti ta' l-istima ta' l-impatt suġġetti għall-proċeduri rilevanti tat-teħid ta' deċiżjonijiet.

qrib fl-implimentazzjoni ta' dawn il-pjanijiet ta' azzjoni f'perjodi stretti ta' żmien biex b'hekk jitħeġġeġ l-interess kontinwu tal-partijiet interessati privati biex jinvestu f'dawn is-swieq promettenti.

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-istrutturi ta' koordinazzjoni meħtieġa biex tiżgura l-effiċjenza ta' l-inizjattiva.

Il-Kunsill³, li sejjaħ għall-ISE, se jkollu rwol ewlieni x'jaqdi f'li jmexxi 'l quddiem il-proċess li tnieda ma' din il-Komunikazzjoni. Huwa joffri forum li jistabbilixxi l-pjan għall-kontribut ta' l-ISE għall-Istrateġija tat-Tkabbir u l-Impjegi u li jissorvelja l-progress. Tabilħaqq, billi din l-inizjattiva tikkostitwixxi kontribut ewlieni biex tikseb l-għanijiet ta' bosta linji ta' gwida integrati (IG) tas-Sħubija għat-Tkabbir u l-Impjegi³⁶, l-azzjonijiet ta' l-Istatit Membri biex jimplementaw l-ISE jistgħu jiġu rrapportati b'mod utli f'dan il-kuntest³⁷.

Għandhom jiġu organizzati aġġornamenti għal u konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati ewlenin. Għandhom jiġu pprovduti wkoll tagħrif u komunikazzjoni immirati lejn min ifassal id-deċiżjonijiet kemm nazzjonali kif ukoll sotto-nazzjonali, filwaqt li jitqiesu l-inizjattivi ta' l-Istati Membri.

Għal aktar promozzjoni ta' l-ISE u biex jiġu involuti b'mod attiv il-partijiet interessati f'dan il-proċess, se tiġi stabbilita mill-Kummissjoni pjattaforma elettronika tal-partijiet interessati ta' l-ISE, b'paġni tematiċi għal kull pjan ta' azzjoni.

Il-Kummissjoni se tqis it-tlestija ta' l-Istrateġija attwali tas-SE permezz ta' pjanijiet ta' azzjoni għal swieq oħra, jekk il-grad ta' involviment ta' l-Istati Membri u tal-partijiet interessati fl-ISE juri l-fattibilità ta' estensjoni ta' l-istrateġija, u jekk, fuq il-bażi tal-mekkaniżmu permanenti ta' sorveljanza li għandu jiġi stabbilit, l-oqsma ġodda tas-swieq li qed jirrispondu għall-kriterji identifikati jidhrux li huma maturi għal inizjattiva simili.

Se jitressaq **rapport ta' progress ta' nofs it-term** fl-2009 dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni u dwar l-impenn tal-partijiet interessati pubbliċi u dawk privati.

Rapport finali mħejji minn esperti indipendenti dwar l-ewwel rawnd ta' l-ISE jitressaq fl-2011, u jkun jinkludi valutazzjoni *ex-post*, l-evalwazzjoni ta' l-impatt ta' l-azzjonijiet ta' politika u – sa fejn possibbli – l-impatt attwali fuq l-oqsma tas-suq.

5. KONKLUŻJONI

Dejjem jekk tiġi implimentata fil-ħin b'appoġġ politiku xieraq, l-ISE tista' tipprovdi l-intrapriżi Ewropej b'opportunitajiet ġusti u aħjar biex jidħlu fis-swieq dinjija ġodda li jfasslu d-deċiżjonijiet u li qed jikbru b'rata mgħaġġla, b'avantagġ kompetittiv bħala produttori mexxejja, fejn b'dan jikkontribwixxu għat-tkabbir sostenibbli fl-impjegi u fil-ġid. Dan jista' jipprovdi liċ-ċittadini Ewropej bl-oppurtunità li jibbenefikaw aktar malajr mill-innovazzjonijiet f'oqsma emerġenti tas-suq b'benefiċċju partikolarment għoli ekonomikament u soċjetali.

³⁶ L-IG nr 10 diġà timplika "l-iżvilupp ta' teknoloġiji u swieq ġodda" (http://ec.europa.eu/growthandjobs/pdf/integrated_guidelines_en.pdf)

³⁷ Il-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2006 indika li "l-progress li sar fit-twassil ta' riżultati għandu jkun issorveljat fil-laqgħat futuri tal-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa fi ħdan il-qafas ta' l-Istrateġija ta' Liżbona."

Biex timplimenta l-inizjattiva,

- Il-Kummissjoni se tifformula l-proposti leġiżlattivi meħtieġa kif indikat fil-pjanijiet ta' azzjoni u se tniedi sejħiet għal proposti biex jiġu implimentati l-azzjonijiet ta' appoġġ.
- L-Istati Membri huma mistiedna jimplimentaw l-azzjonijiet li huma l-aħjar għalihom li jmxexxu kif indikat fl-Anness I u jħeġġu l-atturi nazzjonali u reġjonali biex jieħdu sehem fil-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni li għandhom itejbu l-impatt ta' l-inizjattiva u jiffavorixxu l-konsistenza bejn il-miżuri differenti.
- In-negozji u l-partijiet interessati privati l-oħra huma mħeġġa jieħdu sehem fl-azzjonijiet, u li notevolment isegwu l-azzjonijiet indikati bħala atturi importanti mill-pjanijiet ta' azzjoni, u dan permezz ta' interazzjoni kontinwa ma' l-awtoritajiet rilevanti għal kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza rispettiva tagħhom.